22 ta' Frar, 1950

Imħallef :-

L-Onor. Dr. A. V. Camilleri, B.Litt., LL.D.

Maria Ellul Bonnici *versus* Felice Mercieca et. ne. (*)

## Provi — Xhieda u Dokumenti — Perizja Ġdida — Art. 627 (f) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili.

*Il-provi li jkunu saru f'kawża ċivili, u li jkunu dimostraw l-eżistenza ta' fattijiet determinati, huma attendibbli u jistgħu jiġu invokati f'ġudizzju ieħor susseġwenti bejn l-istess partijiet fejn titwieled disputa dwar l-istess fattijiet, mingħajr ma jkun hemm bżonn li f'dak il-ġudizzju susseġwenti jirripetu ruħhom dawk il-provi; purkè però dawk il-provi jkunu saru u ngħabru fil-kontradittorju ta' l-istess partijiet u bl-osservanza tal-forma li trid il-liġi.*

*Din ir-regola ssofri limitazzjoni meta l-provi jkunu ngħabru fi proċess kriminali, fis-sens li dawk il-provi ma jistgħux jiġu importati fi proċess ċivili, jekk il-kontroparti topponi ruħha. Imma jekk ir-riferenza għall-provi li saru fi proċess kriminali tkun tirrigwarda l-provi dokumentali eżibiti fil-proċediment kriminali, dik ir-riferenza hija permessa.*

*Fil-każ preżenti, l-attur ibbaża t-talba tiegħu fuq provi li kienu saru per mezz ta' perizja f'kawża ċivili preċedenti bejn l-istess partijiet, u l-konvenut ippretenda li f'dan it-tieni ġudizzju ma kienetx tiswa l-prova per mezz tal-perizja li saret fil-kawża ta' qabel. Il-Qorti ċaħdet din il-pretensjoni tal-konvenut, u qatgħet li ma kienx hemm lok li ssir perizja ġdida, imma li kellha tiswa l-perizja magħmula fil-kawża ta' qabel.*

Il-Qorti — Rat iċ-ċitazzjoni li biha l-attur, wara li talbu li tiġi premessa kull dikjarazzjoni neċessarja u mogħti kull provvediment li jkun hemm bżonn, wara li ppremettew li l-istess Markiż Vincenzo Bugeja, C.M.G., fit-testment tiegħu sigriet, miftuħ u pubblikat min-Nutar Achille Micallef fit-18 ta' Settembru 1890, fl-artikolu 18 bis, ordna li wara li jispiċċa l-legat annwali ta' £200 imsemmi fl-art. 21 ta' l-istess testment, għandhom jiġu konsegwiti mit-tlieta mwielda, jew li għad iridu jitwieldu fi kwalunkwe żmien, ta' Carlo Bugeja matul ħajjithom kollha; li l-konvenuti ħallsuhom l-istess legat sas-sena 1931, u ma ħallsux l-istess legat għas-snin 1932 sa l-1945 inklużivament; għal dan il-legat huma għandhom jieħdu £1718. 5. 4 birrati ta' £61. 7. 4 kull wieħed mill-atturi kull sena; li fil-kuntratt ta' transazzjoni fl-atti tan-Nutar Giovanni Azzopardi tal-20 ta' April 1928 il-kontendenti ftehmu illi in konkors mal-legatarji l-oħra kollha tat-testment huma ma kienux jippretendu qatt l-imsemmi legat ħlief minn fuq ir-renta netta ta' kull sena tal-patrimonju ereditarju tat-testatur, kif distint mill-patrimonju partikulari ta' l-istess Konservatorju; li huma tnejn mit-tlitt itfal ta' l-imsemmi Carlo Bugeja, u bħala tali għandhom dritt ta' £61. 7. 4 fuq imsemmija, kif jirriżulta wkoll fil-kawża numru 1006/1931 fl-ismijiet "Maria Ellul Bonnici vs. Dr. Andrea Pullicino ne. et.", maqtugħa minn dina l-Onorabbli Qorti fid-9 ta' Lulju 1945 u konfermata mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fl-10 ta' Diċembru 1945 (dok. A); f'hemm kawża rriżulta wkoll li sas-sena 1931 kien hemm f'idejn il-konvenuti nomine bilanċ likwidu mir-renti favur l-amministrazzjoni £3505. 16. 11; li wara l-1931 baqgħu jidħlu r-renti, u l-konvenuti għandhom biżżejjed biex jitħallsu l-annwalijiet ta' l-istess vitalizju mill-1931 sa l-1945; u li l-konvenuti ma ħallsux dan il-

(*) *Deċiża fil-meritu fis-26 ta' April, 1950.*

vitalizju, lanqas wara l-ittra uffiċjali tat-18 ta' Jannar 1946; talbu li: 1) jiġi dikjarat li l-konvenuti għandhom biżżejjed bilanċ ta' renditi f'idejhom miġbura mill-assi ereditarju tal-Markiż Vincenzo Bugeja, C.M.G., biex iħallsu l-vitalizju fuq imsemmi għas-snin mill-1932 sa l-1945 inkluživament; (2) il-konvenuti jiġu kundannati li jħallsuhom nofs kull wieħed is-somma ta' £1718. 5. 4 għall-istess annati ta' vitalizju, bl-imgħax tal-5% min-notifika taċ-ċitazzjoni sal-pagament; u (3) peress illi fl-imsemmija kawża "M. Ellul Bonnici vs. Dr. Andrea Pullicino" din l-Onorabbli Qorti, fuq talba miġjuba fiċ-ċitazzjoni, ikkundannat lill-konvenuti jħallsuhom is-somma ta' £613. 13. 4 bl-imgħax legali, mingħajr ma ġiet indikata d-data minn meta kellhom jiġu kalkulati dawn l-imgħax, u l-konvenuti ħallsu biss mingħajr preġudizzju reċiproku l-imgħax mid-9 ta' Lulju 1945, fil-waqt illi dawna l-imgħax huma ferm iżjed, jiġi minn dina l-Onorabbli Qorti dikjarat li, peress illi rriżulta fl-imsemmija kawża li l-konvenuti kellhom f'idejhom is-somma ta' £3505. 16. 11 mis-sena 1931, u frattant ma ħallsux il-kreditu tagħhom imsemmi fl-istess kawża maqtugħa minn dina l-Onorabbli Qorti fid-9 ta' Lulju 1945, l-imgħax, kif deċiżi fl-istess sentenza tad-9 ta' Lulju 1945 għandhom jiġu dikjarati dovuti lilhom mid-data tan-notifika ta' l-imsemmija ċitazzjoni, jew data oħra verjuri li tiġi stabbilita. Bl-ispejjeż tal-ġudizzju, kompriżi dawk ta' l-ittra uffiċjali tat-18 ta Jannar 1946;

*Omissis;*

Tikkunsidra;

Illi l-kwistjoni li għandha l-lum tirsolvi dina l-Qorti hija jekk għandhiex jew le tiġi nominata perizja ġdida, u jsir aċċertament ġdid, sabiex l-atturi, bħala legatarji tal-Markiż Vincenzo Bugeja, C.M.G., u skond it-testment u t-transazzjoni ntervenuta fl-20 ta' April 1928, jitħallsu mill-konvenuti nomine, jew inkella dina l-Qorti għandha toqgħod fuq l-aċċertament tal-perizja li saret fil-kawża fl-ismijiet "Maria Ellul Bonnici vs. Dr. Andrea Pullicino et. ne." deċiża mill-Onorevoli Qorti ta' l-Appell fl-10 ta' Diċembru 1945, konfermanti s-sentenza ta' dina l-Qorti tad-9 ta' Lulju 1946; minn liema perizja kien irriżulta li fis-sena 1931 kellu jkun hemm bilanċ attiv ta' £3505. 16. 11;

Illi dina l-kontestazzjoni hija xejn aktar u xejn anqas mill-assunzjoni tat-teorika *dottrinali* riassunta fl-espressjoni konoxxuta fil-materja bħala dik ta' l-"acta facta in uno judicio in alio fidem non faciunt", *sostnuta* mill-konvenuti nomine, li, ma hemmx bżonn jingħad, hija kontiża ħafna tant fid-dottrina bejn l-iskritturi, kemm fil-ġurisprudenza bejn il-maġistrati de*ċidenti*. Jingħad *però li d-dottrini opposti jaqblu* żgur li għandhom ikunu ammessi l-attijiet ġeneriċi ridotti mill-awtorità, u jaqblu *wkoll li l-konfessjonijiet* tal-partijiet bħala prova għandhom jiswew, ċjoè li "valent etiam finito judicio", u li fihom infushom għandhom *il-"vim probandi"*; u dana fuq l-appoġġ tal-liġi ta'-Kodiċi "de receptis arbitris", Titolu 56, L. 5, u li dwarha fil-komment tiegħu l-*Brunemann* (Commentarius in Codicem, Vol. I, pag. 235, par. 20) jgħid:—"Sicut acta coram judice ordinario inducunt notorium, et allegari possunt in aliis *judiciis, ita etiam* acta *coram arbitro*. Sed *hoc* intellige de actis probatoriis, quae respiciunt instructionem, et merita causae, ea enim *etiam in judicio* ordinario probant. Sed quae non respiciunt merita causae, sed judiciorum ordinem, ea non probant in alio judicio, quia alius ordo *arbitrorum* alius judiciorum etc.";

Illi huwa risaput li fid-dritt proċedurali għandha importanza kbira d-distinzjoni bejn il-mezzi ta' prova li jkunu diġà furmati u dawk l-istess mezzi ta' prova li għad iridu jiġu furmati. Dawk il-mezzi ta' provi li jkunu diġà furmati, ordinarjament *ikunu minn qabel ma jiġi istitwit il-proċess* fil-pussess tal-partijiet. Biex dina l-Qorti tfisser l-idea tagħha tgħid li huma mezzi ta' prova *furmati* d-dokumenti kollha—skritturi pubbliċi u privati, il-kotba tal-kummerċ, ir-reġistri u karti domestiċi, it-takki jew talji, jew dokumenti ta' l-istess ġeneru bħal ma huma l-bċejjeċ ta' l-injam li jgħie li jiġu użati f'dan il-pajjiż mill-burdnara u karrettunara tal-ġebel, il-kotba *tal-medjaturi*, fatturi, korrispondenzi u telegrammi. In kwantu għall-mezzi ta' prova li għandhom jiġu furmati, dawn huma regolati mir-*regoli komuni, u biċċa minn dawn ir-regoli* jirrigwardaw l-ammissjoni ta' dawk il-mezzi ta' provi oħrajn, u ċjoè l-eskussjoni tagħhom;

*Skond* l-aħjar—*ġuridikament u loġikament*, kif *ukoll ekonomikament* — teorija tad-dritt ġudizzjarju, dina l-assunzjoni *tiħix ta' utilità meta l-provi* miġbura fi proċess jistgħu jkoll-

hom sabha u jigu konsegwentement jassumu valur f'gudizzju iehor, però dana mhux dejjem u fi kwalunkwe każ u ipotesi permess skond l-istatuti lokali u l-liġijiet pożitivi "di rito" partikulari regolanti d-diversi pajjiżi. Jingħad però, in teżi ġenerali, li l-kondizzjonijiet neċessarji sabiex prova assunta f'gudizzju jista' jkollha effikaċja f'gudizzju iehor, huma :— 1. Li dika l-prova tkun ġiet assunta bejn l-istess partijiet; 2. li l-fatt ikun identiku; 3. u li jkunu ġew osservati l-forom imposti mill-liġi għall-eskussjoni tal-provi. U dawn il-kondizzjonijiet kollha huma subordinati għall-valutazzjoni libera tal-gudikant, li jkun irid japprezza l-provi importati minn proċess iehor fil-kawża li tkun ġiet quddiemu sabiex huwa jaqtagħha u jiggudikaha;

Infatti dan huwa bażat fuq ir-raġuni loġika-guridika li dik il-prova hekk importata ma tistax tingħad li hija "res inter alios acta", la tkun ġiet eżegwita u miġbura fil-kontradittorju ta' l-istess partijiet u bl-osservanza tal-forom stabbiliti mill-liġi bħala garanzija tal-verità u tal-gustizzja, b'mod li l-istess tkun tassurġi għal dokument legalment akkwiżit għall-kawża. Del resto, ir-riżultanzi ta' prova ma għandhomx il-karattru talverità l-għaliex l-istess prova tkun ġiet miġbura f'gudizzju anzikkè f'iehor, iżda jassumu dak il-karattru mħabba l-kontradittorju tal-partijiet u l-osservanza tal-formalitajiet stabbiliti millliġi sabiex l-istess tkun miġbura. Il-fatt li dik il-prova tkun ġiet miġbura f'gudizzju iehor ma jħassarx—la l-istess tkun ġiet miġbura fil-kontradittorju ta' l-istess partijiet u bl-osservanza tal-forma li trid il-liġi—il-verità li minnha bħala riżultat tkun neċessarjament titnissel;

Illi minn dan, fil-ħsieb ta' dina l-Qorti, jitnissel loġikament u guridikament illi jekk prova testimonjali, perizja, aċċess, jew risposti għal subizzjoni, ikunu jiddimostraw eżistenza ta' fattijiet determinati, u dwar l-istess fattijiet titwieled disputa f'gudizzju iehor, ir-riżultanzi tal-prova miġbura filgudizzju preċedenti għandhom ikunu attendibili u jistgħu jiġu nvokati bla ma jkun hemm bżonn tar-ripetizzjoni ta' l-eżami, tal-perizja, ta' l-aċċess, jew ta' interrogatorji ġodda;

Tikkunsidra;

Illi skond il-liġi tagħna proċedurali, għad-differenza ta' liġijiet oħra kontinentali, ir-regola dottrinali fuq esposta, filħsieb ta' dina l-Qorti, tista' tingħad li ġiet aċċettata fil-każ ta'

proċess ċivili, imma hija limitata dwar il-provi li jkunu saru fi proċediment kriminali. Infatti fil-kodiċijiet kontinentali huwa in generali permess li provi li jkunu saru f'ġudizzju kriminali jistgħu jiġu mportati f'dak ċivili, imma dana mhux permess skond il-liġi tagħna: il-għaliex il-proċess kriminali u dak ċivili, li jitnisslu mill-istess fatt, huma indipendenti wieħed mill-ieħor, u ma jistgħux isiru kumulativament f'ġudizzju wieħed bħal ma hu permess bnadi oħra, għalkemm jistgħu jsiru wkoll f'sedijiet diversi. Tabilħaqq, ġie deċiż li r-riferenza għal provi testimonjali li jkunu saru fi proċess kriminali skond il-ġurisprudenza tagħna, mhix permessa jekk il-kontroparti ma tagħtix il-kunsens tagħha u topponi ruħha (Ara Appell Ċivili 14 ta' Frar 1936 in re "Gauci vs. Abela ne.", Vol. XXIX, P. I, Sez. I, pag. 511). Imma ma jistax jingħad l-istess ħaġa dwar il-provi dokumentali eżibiti fil-proċediment penali, li bħala atti tal-Qorti jistgħu, jekk issir riferenza għalihom, iservu għall-istruzzjoni ta' kawża ċivili (ara Appell Ċivili 2 t. Ottubru 1927 in re "Degiorgio et. vs. Carmelo Axiak", Vol. XXVI, P. I, pag. 885), u Appell Ċivili 16 ta' Diċembru 1936 in re "Spiteri vs. Camilleri", Kollez. Vol. XXIX, P. I, Sez. I, pag. 811)—dak li juri li l-Qrati Tagħna aċċettaw it-teorija—salvi l-eċċezzjonijiet—ta' l-importazzjoni tal-provi minn proċess għal ieħor;

Illi dina l-istess teorija ġiet in forza ta' l-art. 627 ittra "f" tal-Proċedura Ċivili, Kap. 15 tal-Liġijiet ta' Malta, aċċettata għall-prova testimonjali li tkun saret fi proċess ċivili (ara Appell Ċivili 8 ta' Marzu 1872 in re "Dimech et. vs. Attard et.", Kollez. Vol. VI pag. 140, u in partikulari pagina 143);

Illi del resto, jekk huwa veru li l-liġi ma tridx, anzi hija per prinċipju kuntrarja għall-ispejjeż żejda u għall-attijiet tal-proċedura li ma jkunux utili, dana l-prinċipju huwa aktar raffurzat meta jiġi kunsidrat li l-att tal-Qorti jkun ġie dibattut mill-partijiet interessati u jkun ġie eżegwit bl-osservanza tal-forma legali bħala garanzija tal-verità li tkun ġiet stabbilita fi proċess ieħor bejn l-istess partijiet, li jkunu jridu jerġgħu jinvokawh bħala fatt veru fi proċess ieħor bejniethom; b'mod li l-istess, skond it-teorija li ntqalet, in konsegwenza għandu jiġi ammess u għandu jkun attendibili;

Tikkunsidra;

Illi mill-perizja tal-kompitista nominat fil-proċess ċivili numru 1006/1939, fl-ismijiet "Maria Ellul Bonnici et. vs. Dr. Andrea Pullicino ne. et.", deċiża minn dina l-Qorti fid-9 ta' Lulju 1945, deċiżjoni li ġiet konfermata mill-Onorevoli Qorti ta' l-Appell fl-10 ta' Diċembru 1945, jirriżulta li r-rendita netta tal-patrimonju partikulari tal-wirt tal-Markiż Vincenzo Bugeja sas-sena 1931 kienet bil-bosta suffiċjenti għall-ħlas tal-legati allura reklamati mill-atturi ta' dak iż-żmien u atturi f'dina l-kawża; il-għaliex bħala bilanċ likwidu ġej mir-renti favur l-amministrazzjoni kien hemm £3505. 16. 11, meutri l-atturi kellhom allura ċeddu b'kollox £613. 13. 4 għal ħames snin f'dik iċ-ċitazzjoni reklamati. Dana l-fatt, li ġie stabbilit wara l-kontradittorju tal-partijiet, ma jistax jiġi negat. Minn dik is-sentenza 'l hawn, wara li tiġi mnaqqsa s-somma ta' £613. 13. 4 li l-atturi ħadu in forza ta' dawk is-sentenzi, jibqa' bilanċ minn fejn jistgħu jitħallsu l-atturi għall-periodu li huma qegħdin jirreklamaw il-lum, apparti r-renditi l-oħra maturati li jew daħlu, jew kien imissħom daħlu, fil-patrimonju partikulari tad-decujus, minn liema patrimonju l-partijiet ftehmu li kellhom jitħallsu. Il-konstatazzjoni ta' dana l-fatt, li fuqu hija poġġuta ċ-ċitazzjoni odjerna, u li ġie pruvat fil-kawża l-oħra msemmija, fil-kontradittorju ta' l-istess partijiet bil-forma u mezzi li riedet il-liġi, ma jistax (fuq dan li nqtal fuq, salvo li ma jiġix pruvat li l-bilanċ ġie minfuq għat-termini tat-testment tad-decujus, mhux kontra l-partijiet intervenuti — kwistjoni li tirrigwarda pont aktar tal-meritu tal-kawża odjerna) ma jiġix ammess bħala verità bejn il-partijiet fil-kawża tal-lum;

Illi jekk huwa minnu li l-perizja fuq imsemmija saret għall-finijiet tal-kawża l-oħra, sabiex jiġi aċċertat jekk fiż-żmien meta saret il-kawża kienx hemm f'idejn il-konvenuti nomine mezzi biex jitħallas il-legat, jew jitħallsu r-rati tal-legat reklamat u allura mitluba, eppure l-aċċertament li kien jeżisti, li numerikament kien hemm fil-patrimonju partikulari tad-decujus dak il-bilanċ li nqal, huwa fatt inkontrastabili li ma jistax jiġi negat, kif ukoll in bażi u għar-raġuni tal-kontinwità ta' dak il-patrimonju li ma jistax jiġi xiss a pjaċere mill-konvenuti nomine. Huwa dmir il-konvenuti li jippruvaw li wara dika l-prova, valida "quoad partes", li sakemm ma tiġix imwaqqa' tibqa' vera, huma ma baqgħalhomx flus minn dak l-istess bi-

lanċ, kif ukoll li huma ma nefquhx hażin, jew aħjar nefquħ skond it-tavoli testamentarji u skond it-transazzjoni intervenuta u li hemm imsemmija f'dik il-kawża preċedenti;

Fil-ħsieb ta' dina l-Qorti, trid tinżamm ben distinta l-espressjoni tal-ġudikat minn dik tal-prova li fuqha jkun poġġut u bażat l-istess ġudikat. Infatti, għal grazzja ta' l-argument, jingħad li anki kieku l-ġudikat ta' dina l-Qorti tad-9 ta' Lulju 1945 ġie annullat għal xi vizzju organiku proċedurali, il-provi li jkunu saru fih, u li jkunu saru kif trid il-liġi, jibqgħu jseħħu bħala tali, salv il-liberu apprezzament tagħhom, b'mod li f'ġudizzju sussegwenti jistgħu jerġgħu jiġu użati; u dejjem "gratia argumenti", kieku sa l-annullament skadiet rata oħra tal-legat, fil-ġudizzju ta' wara din ir-rata, fuq il-prova valida preċedenti, setgħet tiġi mdaħħla fil-ġudizzju posterjuri, il-għaliex ma hemm xejn fil-liġi li dana ma jistax isir. Kwindi mhux validu l-argument li l-perizja "de quo" kienet limitata għar-rati hemm reklamati u għandha tiġi ripetuta. Ċertament l-ekonomija ta' l-ispejjeż u l-ġustizzja sostanzjali huma kuntrarji għal dik it-teżi;

Illi jekk bit-transazzjoni magħmula fl-20 ta' April 1928 l-atturi u l-konvenuti ftehmu li l-istess atturi jitħallsu sakemm ikun hemm mnejn mir-rendita netta tal-patrimonju partikulari tal-Markiż Bugeja, u mhux minn dak tal-Konservatorju, b'mod li dawn iż-żewġ patrimonji ġew magħżula, kwalunkwe bilanċ ta' flus aċċertati bil-provi tal-kawża l-oħra li kienu jidħlu fil-patrimonju partikulari tal-Markiż Bugeja, u dawk ir-renditi li baqgħu jidħlu, kellhom jagħmlu tajjeb għal legati li l-istess Konservatorju assuma li jħallas meta hu aċċetta l-wirt Bugeja bħala eredi indiskret tiegħu; u kwindi dina l-prova ta' l-aċċertament — salvo li ma jiġix pruat dolo jew frode jew kawżali oħra valida fil-liġi biex tiġi skartata — għandha tkun ritenuta l-verità opponibili lill-konvenuti fi kwalunkwe ġudizzju fuq l-istess legati;

Illi kwindi, fil-ħsieb ta' dina l-Qorti, ma hemmx lok li ssir perizja oħra—salvi d-drittijiet tal-konvenuti kif intqal fuq;

Għal dawna l-motivi:

Taqta' u tiddeċidi billi tiċħad l-eċċezzjoni tal-konvenuti nomine għall-perizja ta' komputista' ġdida. Bl-ispejjeż ta' l-inċident għall-istess konvenuti nomine.